# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' April, 2023**

**Numru 13**

**Rikors Numru 29/21TA**

**Bryan David Cassar (K.I. Nru. 0308772(M))**
**vs**

**Mario Friggieri (K.I. Nru. 0529972(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bryan David Cassar (l-Attur) tal-14 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Nhar it-tmienja (8) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' bil-lejl (10.30pm), l-esponenti kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu tal-għamla 'Honda' bin-numru tar-reġistrazzjoni ACJ-303 min-naħa tal-Birgu lejn id-direzzjoni tal-Fgura, ġewwa Triq tal-Labour, Żabbar.

2. F'dan il-ħin, l-intimat, li kien qiegħed isuq il-karozza tal-għamla 'Toyota Vitz' bin-numru tar-reġistrazzjoni MPA-654, bi traskuraġni baqa' ħiereġ fi triq fejn suppost kellu jagħti d-dritta lil vettura oħra. B'konsegwenza ta' dan, huwa laqat lill-esponenti.

3. Meta ġara l-inċident, ir-rikorrenti ġie mdewwi għall-bżonnijiet ta' dak il-ħin fl-isptar Mater Dei. Hemmhekk, il-ġrieħi ġew ikklassifikati bħala tali ta' natura gravi mit-tabib Dottor Christian Zammit (Nru. Reġ. 3241). Wara xi tlett ġimgħat, l-esponenti beda jsofri uġigħ kbir fi spaltu, tant illi ma felaħx jissaporti u rrikorra għall-kura fl-Isptar St James. L-esponenti ġie operat privatament ġewwa l-Isptar St James għaliex sforz l-uġigħ li kellu, ma setax jistenna sakemm jinqeda ġo l-Isptar Mater Dei. Preżentement, l-esponenti qiegħed jistenna li jerġa' jiġi operat, din id-darba l-isptar Mater Dei.

4. Riċentement, huwa żar lill-kirurgu Mr Thomas Azzopardi, fejn ġie kkonfermat lilu illi minħabba l-inċident, ir-rikorrenti m'għadux fi stat fiżiku li jista' jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel qabel, ossia x-xogħol ta' *machine setter*.

5. L-inċident seħħ unikament minħabba t-tort, negliġenza u nuqqas ta' ħsieb da parti tal-intimat u b'konsegwenza ta' dan l-inċident, inbdew proċeduri kriminali mill-Pulizija Esekuttiva ta' Malta fl-ismijiet, 'Il-Pulizija kontra Mario Friggieri'.

6. Nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017), l-intimat ġie akkużat b'reat u mħarrek mill-Pulizija Esekuttiva ta' Malta sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru elfejn u sbatax (2017), u jwieġeb għas-segwenti akkuża:-

   "inti akkużat/a talli fit-08 ta' Awwissu 2017 għall-ħabta ta' 22.30hrs fi Triq il-Labour, Żabbar, soqt il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MPA 654;

   1. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata,
   2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont,
   3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża,
   4. U aktar talli waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura bil-mutur, inqast li tnaqqas l-ispeed u tieqaf u tagħti d-dritta lil vetturi oħra kif hemm indikat b'sinjal tat-Traffik li jindika 'Give Way',
   5. U meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġunajt offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bryan David Cassar skond kif iċċertifika Dr. Christian Zammit M.D. mill-M.D.H."

7. Matul dawn il-proċeduri, l-intimat **ammetta** l-akkużi kollha dedotti kontrih.

8. B'din l-ammissjoni, għalhekk huwa ċar kristallin illi l-esponenti sofra dannu a kaġun tat-traskuraġni u n-negliġenza tal-intimat.

9. Min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, jitqies fil-ħtija; inoltre, min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

10. Għalhekk, l-intimat huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-intimati, liema danni jikkonsistu fi spejjeż inkorsi kaġun l-inċident de quo (damnum emerġens), u danni konsistenti f'debilita` funzjonali u permanenti tal-persuna tiegħu u konsegwentement telf ta' qliegħ attwali u futur.

11. Wara li ġie interpellat għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-esponenti (permezz ta' ittra uffiċjali numru 2580/2020), l-intimat baqa' indampjenti.

12. Ir-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti kollha personalment.

Raġuni tat-Talba

1. Ħtija tal-intimat, ir-rikorrenti sofra danni.

2. Għalhekk, kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

Talbiet

**Jgħid għalhekk l-intimat għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandiex prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident li fih sofra ġrieħi ta' natura gravi Bryan David Cassar liema inċident seħħ fit-tmienja (8) ta' Awwissu elfejn u sbatax (2017) waqt li huwa (Cassar) kien qiegħed isuq mutur tal-għamla 'Honda' bin-numru tar-reġistrazzjoni ACJ 303;

2. Tillikwida, jekk tħoss il-ħtieġa permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjeż kollha sofferti mir-rikorrenti skont il-liġi;

3. Tikkundanna lill-intimat biex iħallas lir-rikorrenti id-danni u spejjeż kollha hekk likwidati.

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10ta' Lulju 2019 bin-numru tar-referenza 2580/2020 kontra l-intimat, li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mario Friggieri (il-konvenut) li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"1. Illi r-responsabbilta` għall-inċident mertu tal-kawża odjerna mhux qed tiġi kkontestata;

2. Illi f'kull każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur irid jipprova d-danni realment subiti minnu.

3. Illi in segwitu għall-ittra uffiċjali bin-numru 2580/20 datata l-10 ta' Lulju 2019, is-soċjeta` assiguratriċi tal-vettura MPA 654 misjuqa mill-intimat u ċioe` Mapfre Middlesea plc, kienet bagħtet email datata t-23 ta' Lulju 2019, lill-avukat tal-attur fejn talbitu dettalji fuq il-'claim' tal-attur sabiex tkun tista' tipproċessaha, liema email baqgħet bla risposta;

4. Illi għal din ir-raġuni l-intimat m'għandux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-kawża odjerna jew interessi stante illi l-kawża odjerna ġiet ippreżentata mingħajr ma ingħata ebda opportunita`, tramite l-assigurazzjoni tal-vettura misjuqa minnu, sabiex jintlaħaq ftehim bonarju u jiġu evitati spejjeż inutli;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fit-8 ta' Awwissu 2017 seħħ inċident awtomobilstiku li fih kienu involuti l-kontendenti meta l-Attur kien qiegħed isuq il-mutur tal-marka

Honda bin-numru ACJ-303 u l-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura Toyota Vitz bin-numru MPA -654.

**2.** L-imsemmi inċident seħħ tort tal-konvenut tant li f'dawn il-proċeduri qiegħed jammetti dan it-tort.

**3.** B'konsegwneza ta' dan l-inċident l-Attur sofra d-danni u kien għalhekk li għamel din il-Kawża.

**Punti ta' liġ**

**4.** L-ewwel ma għandu jkun rilevat huwa li fl-ewwel risposta tiegħu l-konvenut jiddikjara li r-responsabbilita' ma hiex kontestata. Dan ifisser li għalhekk qiegħed jaċċetta li r-responsabbilta' tal-inċident hija tiegħu. Isegwi għalhekk li l-punti tal-liġi li jibqa' quddiem din il-Qorti hija biss il-mod u l-quantum tal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-Attur.

**5.** L-artikolu tal-liġi li jirregola dan l-aspett tal-azzjoni Attriċi huwa artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

*"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib:*

*Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġistabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'modpartikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l- kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."* (Emfażi tal-Qorti).

**6.** Dan ifisser li f'sens ġenerali d-danni jaqgħu f'żewġ kategoriji u ċioe' telf effettiv (*damnum emergens*) u telf fil-ġejjieni ossia futur (*lucrum cessans*). L-ewwel kategorija ta' danni, ftit li xejn presentat problema għal dawn il-Qrati, iżda ma jistax jingħad l-istess għat-tieni waħda. Di fatti din il-kategorija ta' danni għaddiet minn evoluzzjoni legali minn meta ngħatat id-Deċiżjoni ta' *Butler -vs- Hurd,* li tista tgħid hija l-ġebla tax-xewka li fuqha jistrieħu ħafna mis-Sentenzi li ġew wara sal-ġurnata tal-lum. Għalhekk, qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tillikwida d-danni, ikun utili li jiġu

soffermati numru ta' prinċipji li llum solidalment jirregolaw l-aspett tal-*lucrum cessans.*

**7.** F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim'Awla** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

(i) Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

(ii) Li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha"

kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

**8.** F'dan is-sens din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti, li minkejja kollox ma tipprekludix lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorativa tiegħu, u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol. F'din l-aħħar sitwazzjoni l-Qorti, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, għandha tagħti ukoll somma oħra li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu.

**9.** Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata lill-Attur jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

Multiplier

**10.** Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law ,6th Edit, 1999, paġ. 128**).

**11.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident.

**12.** Illum huwa wkoll aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna, li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni*".

**13.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** kienet qalet hekk:

*"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*

Il-lump sum payment

**14.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Imbagħad fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs -Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet **Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004,** minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenzi fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003, 5% f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001 u 0% fil-kawżi Turner -vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru, 2003, Bonnici -vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15-il sena).

Kumment ġenerali ta' din il-Qorti

**15.** Issir referenza għal dak li jgħid Munkmen dwar l-essenza ta' danni li jibqa' jkollhom effett fuq il-vittma fit-tul taż-żmien li ma jistgħux ikunu kalkolati bl-għajn momentaneja tal-ġudikant. Dan isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (**Emfażi tal-Qorti. Ara Munkmen on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

**16.** Din il-Qorti ser tagħmel referenza għal dan l-aspett bħala l-effett psiko fiżiku li debilita' permanenti li jista' jkollha fuq il-vittma, li minħabba l-menomazioni din li ġġib magħha f'attivatijiet li normalment jista' jeżerċita għal bqija ta' ħajtu bħal ma huwa kull xorta ta' sport, kemm jekk agonnistiku jew le u kull xorta ta' attivitajiet li persuna normali u raġjonevoli tista' teżerċita mingħajr il-ħtieġa ta' xi sengħa partikolari. Din il-Qorti issejjaħ dan l-aspett bħala wieħed psiko-fiżiku li jeffettwa l-essenza tal-integrita' umana tal-vittma. Dan ma għandux ikun konfuż ma' dawk ix-xorta ta' danni li jindika l-proviso tal-artikolu 2045 (1) tal-Kodiċi Ċivili għaliex fil-waqt li dawk ix-xorta ta' danni jirreferu għad-dinjita' tal-vittma, dawk imsemmijin minn din il-Qorti jirreferu għall-integrita' tal-persuna fil-kuntest ta' danni fil-kuntest tal-ewwel paragrafu tas-subartikolu inwkistjoni. Il-kunċett adottat minn din il-

Qorti għandu jkun ikkunsidrat bħal l-eqreb applikazzjoni possibbli għall-prinċipju tar-restituzzjoni tar-*restitutio integrum* u ċioe' li l-vittma trid titpoġġa kemm jista' jkun fl-istess posizzjoni li kienet qabel seħħ l-inċident prevja prova ċara li kienet qed isoffri minn kundizzjonijiet li setgħu inaqqsulha mill-ħiliet tagħha fil-futur.

**17.** Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ser tgħaddi biex tillikwida d-danni.

*<u>Damnum emergens</u>*

F'dan ir-rigward mill-provi jemerġu dawn il-fatti:

1. L-Attur dam tlett xhur ma jaħdem (a' fol 28 Affidavit).

2. Ħallas għall-ispejjes tal-operazzjoni li għamel Dr Casaletto ġewwa St. James Hospital Żabbar. Għandu bżonn operazzjoni privata iżda qed jistenna għaliex ma għandux il-mezzi biex jagħmilha privata (a' fol 39). Wara l-operazzjoni dam xahar ma jaħdimx u ma tħallasx mingħand l-employer tiegħu.

3. Kwistjoni dwar il-mutur hija magħluqa (a' fol 28 Aff). Rappresentanti tal-Insurance ikkonfermat li ħallset lill-Attur tal-mutur (a' fol 70 tergo, 71 u 74).

**18.** Kwantu għall-aspett tal-ħlas tal-operazzjoni l-konvenut jargumenta fin-nota tiegħu li l-Attur ma kellux għalfejn jagħmel din l-operazzjoni fi sptar privat għaliex kellu disponibbli s-servizzi tal-Istat. Għalhekk naqas mill-

obbligu milli jimminizza d-danni (ara para 5 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut). Fl-affidavit l-Attur jgħid li Dr. Casaletto qallu li kellu bżonn operazzjoni għaliex kien hemm ċans li jiġi żmien li ma jkunx jista' jdawwar għonqu, iżda qallu li ried jistenna biex ikun jista' jagħmilha Mater Dei jew seta' jagħmilha privat (a' fol 28). Għalhekk għażel li jagħmilha privat.

**19.** Il-Qorti tagħmilha ċara li fuq is-saħħa tal-vittma ma hemm xejn. Jekk l-istennija għall-operazzjoni fl-isptar tal-istat tista' raġjonevolment taggrava d-dannu għalhekk il-vittma hija ġustifikata li tirrikorri għas-servizzi privati. Dan fih innifsu huwa ukoll konformi mal-prinċipju li l-vittma hija mistennija li kemm jista' jkun timminimizza d-danni, għaliex jekk operazzjoni jew kura ma tingħatax f'waqtha hemm ċans tajjeb li d-danni jikbru minħabba nuqqas ta' interventi mediċi. Tajjeb ukoll jingħad li għalkemm il-konvenut għandu bżonn jagħmel operazzjoni oħra dan ma għamlux għaliex ma jiflaħx għall-ispejjes. Iġifieri meta kien jiflaħ għalihom għamel dak li seta'. Dan ifisser li li l-argument tal-konvenut fuq imsemmi qed ikun riġettat.

**20.** Għalhekk meta din il-Qorti eżaminat l-atti u provi li għandha quddiemha waslet għall-istess konklużjoni tal-komputazzjoni magħmula mill-Attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu li a skanz ta' repetizzjoni qed issir ampja referenza għalihom (a' fol 92). Dan ifisser li din il-Qorti qed tillikwida l-ammont ta' damnum emergens fis-somma ta' sitt elef u ħames ewro (€6005).

<u>*Lucrum cessans*</u>

**21.** In konformita' mal-prinċipji imsemmija aktar 'l fuq, għal skop ta' multiplier din il-Qorti ser tqis il-perjodu minn kemm kellu żmien l-attur fil-mument tal-inċident, dik ta' 45 sena, sal-eta' pensjonabbli ta' 65 sena. Dan ifisser il-perjodu għandu jkun dak ta' 20 sena.

**22.** Kwantu għat-tnaqqis mis-somma bħal *lump sum payment*, il-Qorti ser tqies l-fatt li l-kawża saret 'l fuq minn tlett snin wara l-inċident u li l-proċeduri mxew b'ċertu ċelerita'. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss li l-lump sum payment għandu jkun ta' tmintax fil-mija (18%).

**23.** Kwantu għall-perċentwalita' ta' diżabilita' permanenti din il-Qorti għandha żżomm ma' dak stabbilit mill-espert minnha imqabbad. Ma hemm xejn fil-konvinzjoni tagħha li tgħidilha li għandha tallontana ruħha mill-konklużjonijiet tal-espert.

**24.** Din il-Qorti ilha żmien isostni, li kull meta tkun likwidata somma, irid jittieħed qies li din qed titħallas fil-mument, għalkemm biex tkopri l-futur.

**25.** Dan ma jistax ma jieħux in kunsiderazzjoni ukoll l-inflazzjoni tal-ħajja, għaliex l-erosjoni fil-valuta tal-munita minħabba żidiet ta' prezzijiet huwa inevitabbli kif anke jindikaw iż-żminijiet li għaddejjin minnhom. Huwa minnu li l-prezzijiet jistgħu jonqsu ukoll iżda kif turina l-prattika dan huwa improbabbli għaliex la darba jkunu qabbdu t-telgħa hija remota l-possibbilta' li jkun hemm retromarcia fil-prezzijiet. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mar-rata ta' inflazzjoni ta' 6.15% kif jispjega l-Attur fin-nota tiegħu

pero' mhux fuq is-salarju per se iżda fuq is-somma globali u totali li tasal għaliha din il-Qorti (a' fol 84).

**26.** Għalhekk fil-kalkolu tagħha din il-Qorti waslet għas-somma ta' wieħed u tletin elf sitt mija u tnejn u għoxrin ewro (€31,622) li jirrapresentaw danni *lucrum cessans* u għas-somma fuq indikata ta' sitt elef u ħames ewro (€6005) bħala damnum emergens. Is-somma totali ta' danni għalhekk hija, ta' sebgħa u tletin elf sitt mija u sebgħa u għoxrin ewro (€37,627).

**27.** Ai fini tal-ispejjes tal-Kawża l-Qorti tinnota s-sewgenti. Li s-Soċjeta' Assiguratriċi tal-konvenut tassew jidher li kienet disponibbli li tipprova tasal fi ftehim barra l-Qorti. Tant li ħallset l-ispejjes tal-mutur. B'ittra tat-23 ta' Lulju 2019 b'risposta għall-ittra uffiċjali tiegħu tad-19 ta' Lulju 2019 talbet lill-Attur ċertu informazzjoni biex tkun tista' tara jekk tistax tilħaq ftehim barra l-Qorti (ara a' fol 71 u 72). Bejn din il-korrispondenza u sakemm ġiet presentata din il-kawża għaddew kważi sena u nofs mingħajr mal-Attur wieġeb għall-ittra fuq imsemmija.

**28.** Għalkemm huwa minnu li l-Attur ma kellu ebda obbligu li jwieġeb għal dik l-ittra, l-Qorti ma tistax tinjora d-disponibbilita' tas-Soċjeta' Assiguratriċi sabiex tasal għal ftehim, tant li ħallset parti mid-danni qabel il-Kawża u li anke f'din il-Kawża l-konvenut aċċetta r-responsabbilita'.

**29.** Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tħoss, li ai fini ta' spejjes kull parti għandha ssofri l-ispejjes tagħha.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa l-ewwel talba Attriċi** billi tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident li fih sofra ġrieħi ta' natura gravi l-Attur liema inċident seħħ fit-tmienja ta' Awwissu 2017;

**Tilqa t-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' sebgħa u tletin elf sitt mija u sebgħa u għoxrin ewro (€37,627).

**Tilqa it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni fl-ammont kif likwidati.

Kwantu għall-ispejjeż, kif fuq ingħad, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**